32001D0080

L 27/7 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ 30.1.2001

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tat-22 ta' Jannar 2001 fuq l-istabbiliment ta' l-Istaff Militari ta' l-Unjoni Ewropea

(2001/80/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) tieghu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tieghu,

Billi:

(1) Fil-qafas tar-rinforzar tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni (CFSP) u b'mod partikolari fuq il-politika komuni Ewropea fuq is-sigurtà u d-difiza prevista fl-Artikolu 17 tat-Trattat ta' l-Unjoni Ewropea, il-laqgha ta' Kunsill Ewropew f'Nizza mis-7 – 11 ta' Dicembru 2000 waslet fi ftehim fuq l-istabbiliment ta' l-Istaff Militari ta' l-Unjoni Ewropea, li jistabbilixxi l-ghanijiet u l-funzjonijiet tieghu.

(2) Abbazi tal-linji gwida tal-Kunsill Ewropew il-Istaff Militari ghandu jkun lest sabiex jibda bix-xoghol,

IDDECIDEW DAN LI GEJ:

*Artikolu 1*

1. l-Istaff militari għandu jkun sekondat mill-Isati Membri lis-Segretarjat tal-Kunsill sabiex jinħoloq l-Istaff Militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUMS).

2. L-Istaff Militari ghandu jifforma parti mis-Segretarjat Generali tal-Kunsill.

*Artikolu 2*

L-ghanijiet u l-funzjonijiet tal-Istaff Militari huma miktuba fl-Anness V tar-rapport Presidenzali li gie approvat mill-Kunsill Ewropew ta' Nizza, il qed jigi riprodott fl-Anness ta' din id-Decizjoni.

*Artikolu 3*

Il-membri kollha tal-Istaff Militari ghandhom ikunu cittadini ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

1. Il-membri tal-Istaff Militari ghandhom jkunu regolati li ser jigu stabbiliti f'Decizjoni tal-Kunsill.

2. Sa ma tigi fis-sehh d-Decizjoni msemmija fil-paragrafu 1, id-Decizjoni tal-Kunsill 2000/178/CFSP tat-28 ta'Frar 2000 fuq ir-regoli applikabbli lill-esperti fil-qasam militari li jigu sekondati lis-Segretarjat Generali tal-Kunsill, fil-perjodu transitorju [1] ghandha tibqa' fis-sehh.

*Artikolu 5*

Din id- DecizjonI ghandha tigi fis-sehh minn meta tigi adottata.

Ghandha tapplika mid-data stabbilita mill-SG/HR wara konsultazzjoni tal-PSC u tal-iMB/Kumitat Militari u fil-principju dan ikun qabel l-ahhar ta' Gunju 2001.

Sa meta din id-Decizjoni tkun applikabbli, id-Direttur Generali tal-Istaff Militari (DGEUMS), u li ser jibda jiffunzjona mill-1 ta' Marzu 2001 [2], ghandu jservi bhala l-Kap ta' l-esperti militari sekondati mill-Istati Membri lis-Segretarjat tal-Kunsill [3].

*Artikolu 6*

Din id-Decizjoni ghandha tigi ppubblikata fil-Gurnal Ufficjali.

Maghmul fi Brussell, 22 ta' Jannar 2001.

*Ghall-Kunsill*

*Il-President*

A. LINDH

---

(1) ĠU L 57, tat-2.3.2000, p. 1.

(2) Decizjoni tal-Kunsill tat-22 Dicembru 2000.

(3) Decizjoni tal-Kunsill 2000/145/CFSP ta' l-14 Frar 2000 fuq is-sekondament ta' l-esperti mill-Istati Membri fil-qasam militari ghas-Segreterija Generali tal-Kunsill waqt perjodu transitorju (ĠU L 49, tat-22.2.2000, p. 3).

*L-ANNESS*

**Organizzazzjonijiet TA' L-ISTAFF MILITARI TA' L-UNJONI EWROPEA (EUMS)**

1. **Daħla**

F'Helsinki, L-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ftehemu li jistabbilixxu korpi politici u militari godda fi hdan il-Kunsill li jkunu jistgħu jassumu r-responsabbilitajiet kollha sabiex jipprevjenu l-konflitti u l-amministrazzjoni tal-konflitti kif definiti mit-Trattat ta' l_UE, il-kompiti ta' Petersberg. Kif provdut fir-rappoert ta' Helsinki, il-EUMS, "Jipprovdi l-ħila militari u s-sostenn lill-CESDP fi ħdan l-istrutturi tal-Kunsill, inkluża l-kondotta ta' operazzjonijiet ta' amministrazzjoni tal-konflitti mmexxija mill-UE".

Għal dan l-għan, it-termini ta' referenza ta' l-Istaff Militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUMS) huma kif ġej:

2. **Missjoni**

L-Istaff Militari għandu jaħħmel "twissija preliminary, eżami tas-sitwazzjoni u pjan strateġiku għall-kompiti ta' Petersberg, kif ukoll jidentifika Forzi nazzjonali Ewropej u forzi" u l-implimentar ta' politika u deċiżjonijiet kif mogħtija mill-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea (EUMC).

3. **Għan u kompiti**

— Huwa l-egħjun tal-ħila militari ta' l_UE.

— Jassigura kuntatt bejn l-EUMC min-naħa l-waħda u r-riżorsi militari għad-dispożizzjoni ta' l-UE min-naħa l-oħra, kif ukoll jipprovdi l-pariri esperti militari lill-korpi ta' l-UE, kif immexxija mill-EUMC.

— Jipprovdi abiltà ta' twissija preliminari. Tippjana, tistima, u tagħmel rakkomandazzjinijiet għal amminstrazzjoni ta' kriżi u l-istrateġija ġenerali kif ukoll timplimenta d-deċiżjonijiet u l-pariri tal-EUMC.

— Jappoġġa l-EUMC fuq l-eżami tas-sitwazzjonijiet u ippjanar strateġiku ta' aspetti militari (1) fuq il-kopiti kollha ta' Petersberg, fuq il-każijiet kollha ta' l-operazzjonijiet mmexxija mill-UE, kemm jekk l-UE tieħu mill-kapaċitajiet u l-assi tan-NATO u kemm jekk le.

— Tikkontribwixxi għall-proċess ta' elaborazzjoni, stima u rieżami tal-għanijiet ta' kapaċità, filwaqt li thares lejn il-bżonn, għall-Istati Membri kkonċernati, li jassiguraw koerenza mal-proċess ta' difiża tan-NATO (DPP) u tippjana il-proċess ta' rieżaminazzjoni (PARP) tal-*partnership for peace* (PfP) skond il-proċeduri mifthiema.

— Għandha r-responsabbilità sabiex tikkontrolla, teżamina u tagħmel rakkomandazzjonijiet fuq il-forzi u l-kapaċitajiet mogħtija lill-UE mill-Istati Membri, fuq bażi ta' taħriġ, eżercizzji u interoperabilità.

4. **Funzjonijiet**

— Għandha tlett funzjonijiet priċipali: twissija preliminari, eżami tas-sitwazzjoni u ppjanar strateġiku.

— Taħt id-direzzjoni ta' l-EUMC għandha tipprrovdi pariri esperti lill-korpi ta' l-UE u, b'mod partikolari, lis-Segretarju Ġenerali/Rapprezentant għoli.

— Tikkontrolla kriżijiet potenzali billi toqgħod fuq informazzjoni miġbura minn intelliġenza nazzjonali jew multinazzjonali.

— Tissupplixxi liċ-¬entru li jeżamina s-sitwazzjonijiet b'informazzjoni militari u tkun riċevitur ta' dan ic-¬entru.-Ġġib fis-seħħ l-apetti strateġiċi militari avvanzati tal-missjonijiet ta' Petersberg.

— Tidentifika u tikkompila lista ta' forzi nazzjonali u multinazzjonali Ewropej għal operazzjonijiet mmexxija mill-UE, b'koordinament man-NATO.

— Tikkontribwixxi għall-iżvilupp u għal-preparazzjoni (inkluż it-taħriġ u l-eżerċizzju) ta' forzi nazzjonali u multinazzjonali li l-Istati Membri poġġew għad-dispożizzjoni ta' l-UE. Il-modalitajiet tar-relazzjoni man-NATO huma definiti fid-dokumenti relattivi.

— Torganizza u tikoordina l-proċeduri ma' HQ nazzjonali u multinazzjonali inklużi l-KĠ tan-NATO li huma għad-dispożizzjoni ta'l –UE, biex jassiguraw, sa fejn hu possibli, kompattibilità mal-proċeduri tan-NATO.

(1) Definizzjonijiet preliminari:
Ippjanar strateġiku: l-ippjanar ta' attivitajiet li jidħlu fis-seħħ hekk kif iżviluppa kriżi u li jispiċċaw hekk kif l-awtoritajiet politiċi ta' l-UE japprovaw għażla jew għażliet militari strateġiċi. Il-proċess strateġiku għandu fih eżami tas-sitwazzjoni militari, definizzjoni ta' qafas tal-POL/MIL u żvilupp ta' l-għażliet strateġiċi militari.Għażla strateġika militari: azzjoni militari possibbli mahsuba sabiex twassal l-għanijiet tal-POL/MIL kif msemmija fil-qafas tal-POL/MIL. Għażla strateġika militari għandha tiddeskrivi s-soluzzjoni militari bażika, ir-riżorsi meħtieġa u l-limitazzjonijiet kif ukoll rakkomandazzjonijiet fuq l-għażla tal-mexxej tal-operazzjoni u OHQ.

— Tipprogramma, tippjana tmexxi u tevalwa l-aspett militari ta' l-amministrazzjoni ta' kriżi l-UE, inklużi l-proċeduri eżerċitati ta' l-UE/NATO.

— Tipparteċipa fl-estimi finanzjarji ta' l-operazzjonijiet u ta' l-eżerċitazzjonijiet.

— Żżomm il-kuntatt mal-KĠ nazzjonali u l-KĠ multinazzjonali tal-forzi multinazzjonali.

— Tistabbilixxi relazzjonijiet permanenti ma' NATO skond "Arranġamenti Permanenti EU/NATO" u relazzjonijiet tajbin ma korrispondenti idetifikati f'NU u l-OSCE, b'kondizzjoni ta' ftehim ma dawn l-organizzazzjonijiet.

(a) Funzjonijiet addizjonali fl-amministrazzjoni ta' l-amminstrazzjoni tal-kunflitti.

— Titlob u tipproċessa informazzjoni speċifika mill-informazzjoni miġbura mill-organizzazzjonijiet ta' intelliġenza u informazzjoni relevanti minn-egħjun oħra.

— Tappoġġja l-EUMC fil-kontribuzzjoniet tagħha għal-Gwida ta' Ippjanar inizjali u d-Direttivi ta' l-Ippjanar tal-Kumitat Politiku u tas-Sigurtà (PSC).

— Tiżviluppa u telenka l-prioritajiet fil-għazliet fl-istrateġiji militari bħala bażi tal-pariri militari tal-EUMC lill-PSC billi:

— Tiddefinixxi l-għażliet wiesgħa inizjali;

— tikkonkludi kif xieraq fuq sostenn ippjanat minn sorsi esterni li għandhom janalizżaw dawn l-għażliet f'iktar dettal,

— tevalwa r-riżultati ta' dan ix-xogħol iżjed dettaljat u tikkummisjona xogħol li jkun neċessarju,

— tipperżenta stima ġenerali, b'indikazzjoni tal-prioritajiet u r-rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq, lill-EUMC.

— Tista' tikkontribwixxi għall-aspetti non-militari ta' l-għażliet militari.

— Tidentifika flimkien ma' l-Istaff nazzjonali ta' l-ippjanar u, fejn xeieraq, NATO, il-forzi li jistgħu jipparteċipaw f'missjonijiet mmexxija mill-UE.

— Tassisti l-mexxej tal-missjoni fi skambji tekniċi ma' terzi pajjiżi li joffru kontribuzzjonijiet militari għal missjoni mmexxija mill-UE, u fil-preparazzjoni tal-konforenza għall-ġenerazzjoni tal-forza.

— Tkompli tikkontrolla sitwazzjonijiet ta' kriżi.

(b) Funzjonijiet ulterjuri waqt il-missjonijiet

— Il-EUMS, taħt id-direzzjoni tal-EUMC, tikkontrolla kontinwament l-aspetti militari tal-missjonijiet. Tmexxi analiżi strateġika f'komunikazzjoni mal-mexxej tal-missjonijiet sabiex issostni l-EUMC fir-rwol bħala konsultattriċi għall-PSC f'responsabbiltà għad-direzzjoni strateġika.

— Fid-dawl ta' żviluppi politiċi u operazzjonali, tipporovdi għażliet ġodda lill-EUMC bħala bażi tal-pariri militari għall-PSC.

5. **Organizzazzjonijiet**

— Taħdem taħt id-direzzjoni militari tal-EUMC, fejn għandha wkoll tirrapporta.

— Il-EUMS huwa dipartiment tas-Segretarjat tal-Kunsill li għandu direttament x'jaqsam ma' SG/HR; huwa magħmul l-Istaff issekondat mill-Istati Membri f'kapaċità internazzjonali li għandha tkun mogħtija mill-istatut li jiġi stabbilit mill-Kunsill.

— EUMS huwa mmexxi minn DGEUMS, tal-bandiera bi tlett stilel, u jaħdem taħt it-tmexxija tal-EUMC.

— Sabiex jintlaħaq l-ispektrum wiesgħa tal-kompiti ta' Petersberg, kemm jekk l-UE tirreferi għar-riżorsi tan-NATO jew le, il–EUMS hi organizzata kif miktub fl-Anness "A".

— Fl-amministrazzjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi jew eżerċiatzjonijiet, l-EUMS tista' tifforma Timijiet ta' Azzjoni fi Kriżi (CAT), taħdem fuq il-pariri ta' l-esperti,l-istaff u infrastruttura tagħha stess. Tista' wkoll, jekk meħtieġ, timpjega nies li majkunux fi ħdanha temporanjament fuq talba tal-EUMC lill-Istati Membri ta' l-UE.

6. **Relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi**

— Ir-relazzjonijiet ta' l-EUMS ma' membri tan-NATO li m'humiex Stati Membri ta' l-UE u pajjiżi oħrajn, I huma kandidati għall-adeżjoni ma' l-UE għandhom jiġu definiti fid-dokument tar-relazzjonijiet ta' l-UE ma pajjiżi terzi.

*L-ANNESS A*

**PJANTA TA' L-ORGANIZZAZZJONIJIET TA' L-EUMS**




(1) Membru tas-Servizz Legali tal-Kunsill

## ABBREVJAZZJONIJIET

**A**

| | |
|---|---|
| ADMIN | Il-Qasam Amministrattiv |

**C**

| | |
|---|---|
| CEUMC | President tal-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| CIO | CIMIC u l-Qasam ta' l-Operazzjonijiet ta' l-Informazzjoni |
| CIS | Diviżjoni tal-Komunikazzjoni u Sistemi ta' Informazzjoni |
| CMC SPT | Sostenn għall-President tal-Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| CON | Il-Qasam tal-Kunċettu |
| CRM/COP | Amministrazzjoni tal-Kriżi/Qasam ta' l-Operazzjonijiet Attwali |

**D**

| | |
|---|---|
| DDG/COS | Deputat Direttur Ġenerali u Kap ta' L-Istaff Militari ta' L-Unjoni Ewropea |
| DGEUMS | Direttur Ġenerali ta' l-Istaff Militari ta' l-Unjoni Ewropea |

**E**

| | |
|---|---|
| EUMC | Kumitat Militari ta' l-Unjoni Ewropea |
| EUMS | L-Istaff Militari ta' L-Unjoni Ewropea |
| EXE | Qasam ta' l-eżerċitazzjonijiet |
| EX OFFICE | Uffiċċjal Eżekuttiv |

**F**

| | |
|---|---|
| FOR | Qasam għall-preparazzjoni tal-Forzi |

**I**

| | |
|---|---|
| INT | Diviżjoni ta' l-Informazzjoni miġbura minn Intelliġenza |
| INT POL | Qasam ta' Politika fuq l-Informazzjoni miġbura minn Intelliġenza |
| ITS | Qasam ta' l-Informatiaka u s-sigurtà |

**L**

| | |
|---|---|
| LEGAL | Konsulent Legali |
| LOG | Qasam tal-Loġistika |
| LOG/RES | Qasam tal-Loġistika u Riżorsi |

**O**

| | |
|---|---|
| OPS/EXE | Qasam ta' l-operazzjonijiet u Eżerċitazzjonijiet |

**P**

| | |
|---|---|
| PER | Saff Personali |
| POL | Qasam tal-Politika |
| POL/PLS | Qasam tal-politika u l-Ippjanar |
| POL/REQ | Qasam tal-Politika u tar-Rekwiżiti |
| PRD | Qasam tal-produttività |

**R**

| | |
|---|---|
| REQ | Qasam ta-rekwiżiti |
| RES/SPT | Qasam tas-Sostenn tar-Riżorsi |

Leonard Caruana